# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 19/2014 PC**

**GasanMamo Insurance Limited; u**
**Joseph Mallia b]ala rappreżentant ġuridiku**
**tas-soċjeta' "Lloyd's Malta Limited (C24284), bis-saħħa**
**ta' Board Resolution datat 3 ta' Lulju 1999 u din in**
**rappreżentanza ta' "Brit" (Syndicate number 2987)**
**li huma assiguraturi fuq is-suq ta' Lloyd's ta' Londra;**
**it-tnjen kif issurrogati fid-drittijiet tal-assigurata**
**tagħhom "Casapinta Design Group Limited" (C9216)**
**taħt polza ta' Assigurazzjoni bin-numru 26669L001**

**vs**

**Paola Spiteri u Carmel Spiteri**

**Illum l-Erbgħa, 23 ta' Ottubru 2019**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu, wara li ppremettew:

1. Illi Illi ż-żewġ kumpanniji attriċi flimkien ħarġu *employers' liability insurance* favur is-soċjetà "Casapinta Design Group Limited" C9216 liema Polza ta' Assigurazzjoni ġġib in-umru 26669L001;

2. Illi waqt li dik il-kumpannija kienet qiegħda twettaq xogħlijiet fuq tindi li hija kellha armati fi Pjazza Indipendenza, ossia t-Tokk, Victoria, Għawdex, fis-sebgħa *(7)* ta'

Novembru elfejn u ħdax (2011), permezz ta' forklifter li hija kienet qiegħda tikri mingħand l-intimati odjerni, seħħ inċident li fih korra serjament Bertram Bunce;

3. Illi minn eżamijiet imwettqa waqt l-inkjesta magisterjali eżegwita insegwitu għal dak l-inċident, irriżulta li l-inċident ġie kkaġunat minħabba l-fatt li l-forklifter ipprovdut mill-intimati kien qiegħed jiġi użat b'difett serju ħafna minħabba nuqqas ta' lubrifikazzjoni fit-*travelling channel*s tiegħu, tant li f'xi waqtiet kienu jeħlu u l katina tiġi *loo*se b'mod li f'daqqa waħda jċedu u l-furketta tinżel b'sabta mal-art. Illi dejjem skont dik l-inkjesta, dan id-difett kien jiżviluppa ripetutament u dan irrikonoxxewh l-intimati waqt l inkjesta. Irriżulta wkoll li dan il-forklifter ma kienx debitament iċċertifikat minn inġinier kompetenti sabiex ikun jista' jintuża għall-iskop li għalih inkera;

4. Illi l-intimati kienu naqsu li jinfurmaw lil Casapinta Design Group Limited b'dan id-difett fil-forklifter ipprovdut minnhom bil konsegwenza li waqt li l-imsemmi Bertram Bunce kien qiegħed fuq il-forklifter, dan ħabta u sabta ċeda u l-furketta niżlet b'sabta mal-art, bil-konsegwenza li Bunce sofra feriti gravi;

5. Illi wara li ttieħdu proċeduri kriminali kontra d-diretturi ta' Casapinta Design Group Limited, imma, stranament, mhux kontra l-intimati jew min minnhom, l-esponenti u l-assigurata tagħha waslu fi tranżazzjoni ma' Bertram Bunce li permezz tagħha l-esponenti ħallsu, lill-imsemmi Bertram Bunce, lil Casapinta Design Group Limited u lill-avukati rispettivi, is-somma globali ta' ħamsa u erbgħin elf seba' mija u sitta u disgħin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€45,796.88c);

6. Illi per konsegwenza ta' dawn il-pagamenti, l-esponenti ġew issurrogati fid-drittijiet tal-assigurata tagħhom u ta' Bertram Bunce għar-riżarċiment tal-ammonti relattivi mingħand l-intimati;

7. Illi l-esponenti jemmnu li bħala l-persuni li pprovdew il-makkinarju difettuż, u ċjoè il-forklifter, lil Casapinta Design Group Limited mingħajr lanqas biss avżawha bl-eżistenza ta' dan id-difett jew bil-ħtieġa li jittieħdu miżuri u prekawzjonijiet preventivi sabiex jiġu evitati sinistri simili għal dak mertu ta' din il-kawża, l-intimati rrendew ruħhom responsabbli għall-konsegwenzi kollha negattivi;

8. Illi l-intimati qegħdin jirrifjutaw li jirriżarċixxu lill-esponenti l-ammonti żborsati minnha kif fuq ingħad;

9. Illi l-esponenti jridu li l-intimati jiġu kkundannati jirrifondu dan l-ammont;

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li għar-raġunijiet kollha hawn fuq indikati u għal dawk ir-raġunijiet l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, bħala l-persuni li intom ipprovdejtu għall-użu ta' Casapinta Design Group Limited forklifter kien affett minn difetti moħbija kif hawn fuq indikat, intom irrendejtu ruħkom responsabbli għar-riżarciment tad-danni kollha sofferti u/jew ikkagunati minn Casapinta Design Group Limited waqt l-użu tal istess forklifter u kwndirrendejtu ruħkom responsabbli li tirriżarcixxu lill-atturi l-ammonti li huma kienu kostretti jħallsu fit termini tal-polza ta' assigurazzjoni maħruga minnhom;

2. Tiddikjara, okkorrendo, li l-atturi ġew issurrogati fid-drittijiet ta' Bertram Bunce u ta' Casapinta Design Group Limited fil-konfront tagħkom għar-riżarċiment tad-danni sofferti rispettivament minnhom perkonsegwenza tal-inċident hawn fuq imsemmi;

3. Tillikwida l-ammont imħallas mill-atturi perkonsegwenza tas-suespost fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf seba' mija u sitta u disgħin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€45,796.88c) kif hawn fuq spjegat;

4. Tikkundannakom tħallsu lill-atturi din is-somma jew somma verjuri oħra li tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. U dan bl-imgħaxijiet mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru 2013.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi ppreżentat kontestwalment kontra tagħkom.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom ingunti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li eċċepew:

1. Illi preliminarjament l-esponenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju u dana stante illi huma bl-ebda mod u manjiera ma għandha ebda relazzjoni mal-kumpanija attriċi;

2. Illi fit-tieni lok u dana mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxu illi l-fatti hekk kif esposti mis-soċjeta' attriċi huma żbaljati u di fatti jirriżulta ukoll illi ma jirriflettux ir-realta'. Illi hekk kif ser jirriżulta matul is-smiegħ tal-kawża, l-esponenti krew forklift biss u limitatament sabiex s-soċjeta' Casapinta Design Group Limited tħott u tgħabbi materjal ossia ħadid minn fuq trailer;

3. Illi fit-tielet lok, u dana dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxu illi dana l-inċident inħoloq biss kawża tal-fatt illi Casapinta Design Group Limited u/jew ħaddiema tagħha abbużaw billi għamlu użu skorrett mill-imsemmi

forklift u ċioe' ppermettiet persuni sabiex jirkbu fuq l-frieket tal-istess forklift. Illi dana huwa abbuż ċar, hija prattika projbita mis-safety manuals tal-forklifts kollha kif ukoll tmur kontra r-regolamenti tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol;

4. Illi di fatti jirriżulta ukoll mill-premessi illi ittieħdu passi kriminali biss fil-konfront ta' Casapinta Design Group Limited u ċioe' l-assikurati tal-kumpanija attriċi u mhux fil-konfront tal-esponenti li ma kellhom ebda tort għall-imsemmi inċident;

5. Illi fil-ħames lok, u dana dejjem mingħajr preġudizzju, minn imkien ma jirriżulta b'mod definittiv: (i) L-allegat difett fl-imsemmi forklift; (ii) L-allegati danni li ġew kawżati lill-ħaddiem Bertram Bunce u li għalhekk kwalsiasi ħlasijiet saru biss b'mod unilaterali da parti tal kumpanija attriċi u li għalhekk l-istess kumpanija ma għandha ebda dritt li titlob rifużjoni ta' kwalsiasi ħlasijiet mingħand l-esponenti;

6. Illi fis-sitt lok, u dana dejjem mingħajr preġudizzju, l-esponenti qatt ma jistgħu jinżammu responsabbli għall-ħlasijiet tal-avukati tal-attriċi u l-partijiet l-oħra li magħhom l-attriċi waslet għal transazzjoni.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-kumpanija attriċi.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Marzu 2016 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Joseph Borg bħala espert tagħha biex jirreleta dwar il-kondizzjoni medika ta' Bertram Bunce, il-persuna li weġġħet fl-inċident mertu tal-kawża.

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert mediku ppreżentata fl-24 ta' Mejju 2016 u minnu maħlufa fit-2 ta' Novembru 2018.

Rat il-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża fejn l-atturi, li ġew surrogati fid-drittijiet tal-assikurat tagħhom in segwitu għall-ħlas li għamlu in konnessjoni ma' inċident fuq ix-xogħol, qed ifittxu li jiġu riżarċiti għad-danni li huma ħallsu in segwitu għal dan l-inċident, li qed jiġi attribwit

minnhom lill-konvenuti. Il-konvenuti, apparti eċċezzjoni ta' natura proċedurali, jiċħdu kwalunkwe responsabilita' għal dak li ġara.

Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward:

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa,quando sebbincident li wassal għal din il-kawza ene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare.*"[1]

Il-fatti li wasslu għal din il-kawza kienu s-segwenti:

Is-soċjeta' Casapinta Design Group Limited fis-7 ta' Novembru 2011 ħteġilha tikri *fork lifter* waqt ix-xogħol tagħha sabiex iżżarma tinda kbira li kienet ġiet installata fi Pjazza t-Tokk, ir-Rabat, Għawdex. Dan għamlitu billi kriet wieħed mingħand il-konvenuti. Ġara li waqt li kien qiegħed isir ix-xogħol tal-ħatt tat-tinda, kien jeħtieġ li xi ħadd jitla' u jaqla xi ħaġa li kienet weħlet minn naħa ta' fuq tat-tinda f'għoli ta' żewġ sulari (circa sitt metri). Impjegat tal-kumpanija, Bertram Bunce għal dan il-għan, tela' bilwieqfa fuq il-frieket ta' dan il-*fork lifter*, mħaddem minn impjegat ieħor ta' din il-kumpanija, ċertu Kevin Azzopardi, u huwa u nieżel lura il-*forklifter* ħa skoss u tefgħu 'l isfel, bil-konsegwenza li ġarrab feriti gravi f'dahru ta' natura permanenti.[2] Din il-kumpanija kienet assikurata mal-kumpanija attriċi u in segwitu għal trattattivi li saru wara l-inċident, Bertram Bunce ġie kkumpensat mis-soċjeta' attriċi għad-debilita' li kien sofra. L-atturi issa qegħdin ifittxu lill-konvenuti għar-riżarċiment tal-flejjes li huma kellhom iħallsu per konsegwenza ta' dan l-inċident, li huma jattribwixxu għan-negligenza tal-konvenuti li allegatament krew lis-soċjeta' Casapinta Design Group Limited *fork lifter* difettuż.

Preliminarjament il-konvenuti eċċepew li għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, billi ma kellhom ebda relazzjoni mal-kumpanija attriċi. Dwar dan pero' l-konvenuti m'għadhomx raġun, għaliex din ir-relazzjoni nħolqot meta l-atturi ġew surrogati fid-drittijiet tal-assikurata tagħhom, is-soċjeta' Casapinta Design Group Limited, wara li ħallsu huma d-danni li ġarrab l-impjegat ta' din il-kumpanija fl-inċident mertu tal-kawża. Din l-eċċezzjoni sejra għalhekk tiġi respinta.

Fil-mertu mbagħad il-konvenuti eċċepew *inter alia* illi huma kienu krew dan il-*fork lifter* biss u limitatament sabiex jinħatt u jitgħabba materjal minn fuq it-*trailer* tal-kumpanija

---

[1] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol.II. # 18 p.32-33
[2] Ara relazzjoni tal-espert mediku a fol. 214d - 214f tal-proċess;

Casapinta Design Group Limited, u li din il-kumpanija u/jew il-ħaddiema tagħha abbużaw mill-użu skorrett ta' dan il-*fork lifter* billi ħaddiem tagħha tħalla jirkeb fuq il-frieket tiegħu bi ksur tas-*safety manuel* tal-istess *fork lifter* u r-regolamenti tas-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol.

Li dan il-*fork lifter* kellu ċertu difett irriżulta mid-deposizzjoni ta' **Joseph Zammit**, espert mekkaniku li kien inkarigat mill-Maġistrat Inwkirenti fl-inkjesta relattiva għal dan l-inċident. Infatti fir-rapport tiegħu jgħid:

"*Jirrizulta li dan il-fork lifter kien qieghed jigi uzat b'difett serju hafna minhabba nuqqas ta' lubrikazzjoni fit-travelling channels tieghu, tant li f'xi waqtiet kienu jehlu u l-katina tigi loose b'mod li f'daqqa wahda jcedu u l-furketta tinzel b'sabta mal-art.*"[3]

Madankollu l-P.L. **David Saliba** mill-Awtorita' Dwar is-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol spjega fid-deposizzjoni tiegħu illi:

"*…normalment fork lifter huwa ddisinjat u manufatturat biex itella' merkanzija. F'ebda possibilita' ma jista' jtella' persuna fuq il-frieket. Jista' jkun hemm cirkostanza fejn l-operatur ikollu gagga li trid tkun certifikata u manufatturata ad hoc li jista tittella' mill-frieket tal-fork lifter. X'irrid nghid? Jista' jkollok, il-fork lifter huwa ddisinjat b'zewg vireg illi jidhlu fil-pellet u jgholli u jnizzel ghall-merkanzija biss. Jekk ikollok struttura iddisinjata u li trid tkun certifikata m'ghand engineer jew persuna kompetenti illi din il-kaxxa tkun tal-hadid, ikun hemm is-safety features kollha, jista' mbaghad itella' lil xi hadd. Pero' hemm certi mizuri li jridu jittiehdu.* ***Pero' l-fork lifter huwa iddisinjat primarjament u semplicement biex itella' l-merkanzija u mhux nies***."[4]

Intqal a propositu mill-qrati tagħna illi:

"*Il-principji li jirregolaw ir-responsabilita' ta' sid ta' intrapriza biex ihares is-sahha tal-impjegati tieghu huma ben stabiliti fil-gurisprudenza. Fil-kawza ingliza* ***'Wilsons and Clyde Coql Co. vs English'*** *deciza mill-House of Lords fl-1937, Lord Maugham osserva:* ***'In the case of employments involving risk…it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first, to provide and maintain proper machinery, plant and appliances, and works; secondly to select proper skilled persons to manage and superintend the business and thirdly to provide a proper system of working.'***

*Fil-kawza* ***'Calleja vs Fino'*** *deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 1980, gie kwotat b'approvazzjoni li:* ***'It is the employer's duty to provide a safe system of work. Any***

---

[3] Ara kopja tar-rapport tiegħu,para. 5 a fol.139 tal-proċess, u xhieda tieghu in konfront mal-konvenut a fol. 26 - 265

[4] Ara xhieda tieghu a fol. 119; enfasi tal-Qorti;

***injury to which the employee has not contributed would be the sole responsibility of the employer. The fact that the system adopted had been in use for years without incident, is not proof that the system is safe: the accident in question justifies this.***"[5]

Il-vittma, **Bertram Bunce**, kkonferma illi huwa kien tabilħaqq tela' fuq il-frieket tal-*fork lifter* waqt ix-xogħol tal-ħatt tat-tinda.[6] Huwa kompla jispjega li soltu jkollhom gaġġa biex jitilgħu fl-għoli għax *b'cerry picker* ma tkunx tista' timmanuvra minħabba l-ħadid. Dakinhar pero' ma kellhomx gaġġa għax kienu nsewa Malta.[7]

**Emanuel Cassar**, *supervisor* mas-soċjeta' Casapinta ma kienx presenti waqt li seħħ l-inċident. Ma kienux ġabu gaġġa magħhom minn Malta, imma assuma li min kien krielhom il-*fork lifter* kien sejjer iġib gaġġa wkoll. Ikkonferma li l-ħaddiema tiegħu huma konxji mill-fatt li m'għandhomx jitelgħu fuq il-frieket tal-*lifter*.[8]

**Kevin Azzopardi**, li opera l-*lifter* sakemm Bunce tela' fuq il-friket tiegħu biex jaqla' xi ganċ mill-għoli, ikkonferma li huwa ma kellux liċenzja biex jopera l-*lifter*, ma kienx hemm gaġġa u Bunce ma kellux *harness* u ma kien marbut bl-ebda mod.[9]

Minn naħa tiegħu il-konvenut **Carmel Spiteri** insista li kien ċempillu ċertu Manwel (wisq probabbli b'referenza għax-xhud Emanuel Cassar) u qallu li kellu bżonn *lifter* biex iħottu l-ħadid u l-*canvas* ta' tinda u jerġgħu jgħabbuhom, u hu krihulhom għal dan il-għan.[10]

Issa a tenur tal-artikolu 1539(b) tal-Kodiċi Ċivili:

"Sid il-kera hu obbligat, min-natura stess tal-kuntratt, u mingħajr jinħtieg ebda ftehim speċjali:

…(b) iżomm din il-ħaġa fi stat li wieħed jista' jagħmel minnha **l-użu li għalih ġiet mikrija".**

Huwa evidenti li waqt l-inċident mertu tal-kawza, l-*lifter* ma ntużax għall-għan li għalih ġie mikri. Is-*supervisor* Cassar jgħid li soltu jkollhom gaġġa li titqabbad mal-*lifter* biex iħott fil-għoli, imma dakinhar ma kellhomx. L-atturi fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom jgħidu li anke kieku ntużat il-gaġġa, minħabba d-difett fil-*lifter*, Bunce xorta kien jaqa' u

---

[5] Prim'Awla: Charles Farrugia vs Malta Investment Management Company Limited:9.10.2003; ara wkoll: Eugenio Cassar vs Hallett Construction Limited: P.A.29.5.2001; Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited: P.A.25.1.2000; Carmelo Cini vs Carmel Caccoparo noe. P.A.5.10.1999;

[6] Ara xhieda tiegħu a fol. 207;

[7] Ibid.a fol. 208.

[8] Ara deposizzjoni tiegħu a fol. 223 – 224;

[9] Ara deposizzjoni tiegħu a fol. 226 – 231;

[10] Ara xhieda tiegħu a fol. 243 – 244.

jkorri. Din pero' hija mera konġettura, għax ma jistgħax jingħad li dan kien neċessarjament iseħħ li kieku ntużat gaġġa attrezzata u ċċertifikata kif suppost, kif imfisser mir-rappreżentant tal-Awtorita' għas-Saħħa u Sigurta' David Saliba, għalkemm ikompli jagħti x'wieħed jifhem li mhux konsiljabbli li *fork lifter* qatt tintuża għal għanijet oħra għajr għall-ħatt ta' merkanzija.

Fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqasijiet f'dan il-każ seħħew:

(i) Mill-kumpanija ta' Casapinta li ma pprovdietx lill-impjegati tagħha bl-apparat adattat u idoneu għax xogħol li kien mehtieg;

(ii) mis-*supervisor* tagħha li qabel ma llarga minn fuq il-post tax-xogħol ma nsistiex mal-ħaddiema tiegħu li ma jitgħelux fuq il-frieket tal-*lifter* u jara li fin-nuqqas ta' *cerry picker* tinġieb gaġġa;

(iii) għax il-*lifter* intużat minn persuna mhix kwalifikata; u

(iv) mill-istess ħaddiem Bertram Bunce li azzarda jitla' fuq l-istess frieket tal-*lifter* meta ma kienx hemm gaġġa u mingħajr tal-inqas ma ntrabat bħala l-iċken prekawzjoni li seta' ħa.

F'dawn iċ-ċirkostanzi ma tarax kif it-talbiet attriċi jistgħu jintlaqgħu.

Għaldaqstant, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjeż relattivi ikunu kontra tagħhom, tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tagħhom, u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi, bil-bqija tal-ispejjeż kontra l-atturi.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur